**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 81**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 15 ta' Mejju 2018 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

81.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Rudolf

Grima u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

**81.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 78**

81.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 78 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 78

**81.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 79**

81.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 79 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 79

**81.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 80**

81.4.1 Il-minuti tas-seduta numru 79 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 80

**81.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

81.5.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0688/18** dwar talba għall-*No Objection* għall-'Mtaħleb Hill Climb', is-Sindku nforma l-laqgħa li x-xogħolijiet infrastrutturali fuq it-triq fejn issir l-*Hill Climb* issa kienu tlestew. Huwa ippropona li tingħata tali *No Objection*. Issekondat din l-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

'Mtaħleb Hill Climb'

****** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7.17 ta' filgħaxija.

**81.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

81.6.1 Il-Kunsillier Andrew Mallia staqsa lis-Sindku:-
"X'tip ta' rapport qed isiru mill-*Contracts Manager* fuq il-kuntratturi kollha li għandna?"
"X'tip ta' azzjoni ittieħdet fuq ir-rapporti li saru?"
"Kemm il-*inspection* saret mill-*Contracts Manager* min mindu daħal sa issa?"
"Jista jkollna *scanned copy* ta' dawn ir-rapporti li saru?"

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Is-Sindku wieġeb: "Li tali rapporti jinsabu disponnibli fil-*files* li gew prezentati fuq

il-mejda tal-Kunsill".

**81.7 *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)**

81.7.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' Jannar – Marzru 2018. *Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)

81.7.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Financial Repor*t jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Financial Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**81.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

81.8.1 Is-Sindku infoma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sra. Romina Perici Ferrante kienet bagħat tinforma lil Kunsill li qegħda tirrezenja b'mod immedjat mill-ħatra tagħħa ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat, peress li issa ġiet ingaġġata bħala *Accountant* tal-istess Kunsill. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

81.8.2 Għaldaqstant is-Sindku ppropona li jinħatar is-Sur George Abdilla sabiex iservi fil-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

**81.9 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv**

81.9.1 Is-Sindku infoma l-laqgħa li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Orietta Cardona tat ir-riżenja tagħħa li tidħol b'effett mil-1 ta' Lulju 2018. Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sa. Orietta Cardona għall-impenn li wriet tul tal-kariġa tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Is-Sindku qara ittra ta' rringrazzjament li tinsab anness ma dawn il-minuti.

**81.10 Ħatra tal-Bord tal-għażla għal proċess ta' Segretarju Eżekuttiv**

81.10.1 Is-Sindku ppropona li jinħatar Bord tal-Għażla għal proċess ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li l-Bord ikun kompost mis-Sindku Charles Azzopardi, mill-Kunsillier Ian Vassallo u mill-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Ħatra tal-Bord tal-għażla għal proċess ta' Segretarju Eżekuttiv

**81.11 Bidla tal-*Project Leader* ta' *Measure 4.3 – Support for Investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry***

81.11.1 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li l-*Project Leader* tal-proġett *Measure 4.3 – Support for Investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry* għandu jkun is-Sindku Bidla tal-*Project Leader* ta' *Measure 4.3 – Support for*

Charles Azzopardi. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry*

**81.12 Għażla tal-offerta għaż-Żamma u manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u pedonali - Kunsill Lokali Ir-Rabat Malta – RLC/T/0164/18**

81.12.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-offerta RLC/T/0164/18 u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat. Kopja tar-rapport tal-ftuħ ta' din l-offerta tinsab annessa ma' dawn il-minuti

Għażla tal-offerta għaż-Żamma u manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u pedonali - Kunsill Lokali Ir-Rabat Malta – RLC/T/0164/18

**81.13 Xogħolijet infrastrutturali fi Triq San Piju V**

81.13.1 Is-Sindku nforma l-laqgħa li mil-laqgħa li saret mal-entitajiet koncernati dwar ix-xogħolijiet infrastrutturali fi Triq Piju V, irriżulta li peress li hemm bżonn li jinbidlu xi servizzi, l-Kunsill ser ikollu jagħmel bankini godda.

Huwa qal li tali spisa ser tlaħaq €10,000.00 u għaldaqstant l-istima ta' Triq San Piju V minn €41, 726.50 ser titla għal €51,726.50. Huwa ippropona li tali bankini jinbidlu sabiex il-proġett ikun komplut. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Xogħolijet infrastrutturali fi Triq San Piju V

**81.14 Talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Kbira**

81.14.1 Is-Sindku ppropona li tali talba tigi milqugħa peress li l-granet mitluba huma fil-gimgħa tal-festa. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Kbira

**81.15 Petizzjoni sabiex issir *road hump* fi Triq Anton Muscat Azzopardi**

81.15.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0533/18,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn residenti li joqgħodu Triq Anton Muscat Azzopardi, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex issir *road hump* fi Triq Anton Muscat Azzopardi.

Is-Sindku ppropona li tali talba ma tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Petizzjoni sabiex issir *road hump* fi Triq Anton Muscat Azzopardi

**81.16 Ilmenti dwar l-Kuntrattur *WM Environmental Ltd***

81.16.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-ammont ta' ilmenti li l-Kunsill kien qiegħed jircievi dwar il-kuntrattur *WM Environmental Ltd,* il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li

Ilmenti dwar l-Kuntrattur *WM*

tinħareg *default notice.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu ittieħed vot li għadda b'ħames voti favur u zewg astensjoni.

*Environmental Ltd*

** Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jiġi skużat fit-8.31 ta' filgħaxija.

**81.17 Ilmenti dwar l-Kuntrattur 'Melchiore Dimech'**

81.17.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1239/17**, is-Sindku informa il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ilment dwar il-kuntrattur 'Melchior Dimech'. Wara li s-Sindku qara l-ilment riċevut huwa ippropona li tintbagħat ittra ta' twissija lil kuntrattur. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ilmenti dwar l-Kuntrattur 'Melchiore Dimech'

**81.18 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 43 u 44**

81.18.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduti numru 43 u 44 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 43 u 44

**81.19 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

81.19.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 280 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 280

**81.20 Ċirkolari mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura**

81.20.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura bħal kull sena kienet ser terġa' torganizza l-wirja annwali tagħha fil-ġonna ta' San Anton. Huwa kompla li din il-għaqda kienet qed titlob is-sehem tal-Kunsill f'din il-wirja billi jagħmel qoffa rranġata bi fjuri jew bi ħxejjex tal-ikel u frott, li wara l-wirja dawn il-prodotti se jkunu mogħtija donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. L-ispiża għal din il-qoffa ser tkun ta' €25. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu sehem f'din il-wirja. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ċirkolari mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura

**81.21 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

81.21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar il-Erbgħa 6 ta' Gunju 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

81.21.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.05 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta’.......................... 2018

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |